

Brussell, 20 ta' Mejju 2026
(OR. en)

9512/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0131 (NLE)**

**ECOFIN 637
UEM 173
FIN 717
ECB
EIB**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Mejju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 257 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l- approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Spanja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 257 final.

Mehmuż: COM(2026) 257 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.5.2026
COM(2026) 257 final

2026/0131 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Spanja

{SWD(2026) 135 final}

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Spanja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP", recovery and resilience plan) minn Spanja fit-3 ta' April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni² ("id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021"). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 ġiet emendata bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ottubru 2023³, tal-14 ta' Mejju 2024⁴, tal-21 ta' Jannar 2025⁵, tat-13 ta' Mejju 2025⁶, tat-12 ta' Ġunju 2025⁷, tal-10 ta' Ottubru 2025⁸, u tal-20 ta' Jannar 2026⁹.
- (2) Fl-10 ta' Marzu 2026, Spanja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP ma għadux jista' jinkiseb għalkollox minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Fuq dik il-bażi, Spanja ppreżentat RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>

² ST 10150/21 INIT; ST 10150/21 ADD 1 REV 2.

³ ST 13695/23 INIT; ST 13695/23 REV 1 (en); ST 13695/23 ADD 1 REV 1.

⁴ ST 9303/24 INIT; ST 9303/24 ADD 1.

⁵ ST 17099/24 INIT; ST 17099/24 ADD 1.

⁶ ST 8053/25 INIT; ST 8053/25 ADD 1.

⁷ ST 9583/25 INIT; ST 9583/25 ADD1; ST 9583/25 ADD 1 COR 1; ST 10408/25.

⁸ ST 13075/25 INIT; ST 13075/25 ADD 1.

⁹ ST 17031/25 INIT; ST 17031/25ADD1; ST 17031/25 COR1 (es).

- (3) L-emendi tal-RRP ippreżentati minn Spanja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw62 miżura.
- (4) Spanja spjegat li għiet emendata miżura waħda minħabba nuqqas ta' domanda. Dan jikkonċerna C13.I3 (Diġitalizzazzjoni u Innovazzjoni u skema ta' sussidju għad-diġitalizzazzjoni tal-kumpaniji). Abbażi ta' dan, Spanja talbet li din il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (5) Spanja spjegat li ġew emendati 59 miżura biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiġi ssimplifikata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġġettivi ta' dawk il-miżuri. Dan jikkonċerna C1.I1 (Żoni b'emissjonijiet baxxi u t-trasformazzjoni tat-trasport urban u metropolitan), C1.I2 (Skema ta' iċċentivi għall-installazzjoni ta' punti tal-irriċarġjar, ix-xiri ta' vetturi elettriċi u l-innovazzjoni fl-elettromobbiltà), C1.I3 (Miżuri biex jittejjbu l-attraenza u l-aċċessibbiltà tan-network ferrovjarju), C3.I1 (Pjan biex jissaħħu l-effiċjenza u s-sostenibbiltà fl-irrigazzjoni), C3.I12 (Pjan biex jittejjbu l-effiċjenza u s-sostenibbiltà fl-irrigazzjoni), C10.I1 (Investiment fi Tranżizzjoni Ġusta), C11.R1 (Riforma għall-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni), C11.I1 (Modernizzazzjoni tal-Amministrazzjoni Ġenerali tal-Istat), C11.I3 (Trasformazzjoni diġitali u modernizzazzjoni tal-Ministeru għall-Politika Territorjali u l-Memorja Demokratika, il-Ministeru għat-Trasformazzjoni Diġitali u s-Servizz Pubbliku, u l-amministrazzjonijiet reġjonali u lokali, kif ukoll is-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa), C11.I4 (Pjan ta' tranżizzjoni tal-enerġija fl-Amministrazzjoni Ġenerali tal-Istat), C11.I6 (Ċibersigurtà), C12.R2 (Politika dwar l-iskart u t-tisħiħ tal-ekonomija ċirkolari), C12.I2 (Programm biex tingħata spinta lill-kompetittività u s-sostenibbiltà industrijali), C12.I4 (It-tisħiħ tal-industrija tal-katina tal-valur tas-semikondutturi), C12.I5 (Skema ta' sussidju biex tiġi appoġġata l-ekonomija ċirkolari), C12.I6 (Skema ta' sussidju biex jiġu appoġġati proġetti strateġiċi fil-katina tal-valur tal-karozzi elettriċi u setturi industrijali oħra (għotjiet)), C12.I7 (Skema ta' appoġġ għal proġetti strateġiċi fil-katina tal-valur tal-karozzi elettriċi (self)) C13.R3 (Reviżjoni tal-Liġi dwar is-Swieq tat-Titoli u s-Servizzi ta' Investiment); C13.I1 (Intraprenditorija), C13.I4 (Appoġġ għall-Kummerċ), C13.I5 (Internazzjonalizzazzjoni), C13.I10 (Il-Fond għar-Rikapitalizzazzjoni tan-Negozju tal-COVID-19 (FONREC)), C13.I12 (Il-Fond għall-Intraprenditorija u għall-SMEs tal-ENISA), C13.I14 (Injezzjoni ta' ekwità fl-ICO). C14.I2 (Pjattaforma ta' destinazzjoni intelliġenti u diġitalizzazzjoni tas-settur tat-turiżmu), C14.I3 (Reżiljenza tat-turiżmu għal territorji extra-peniżolari), C14.I4 (Azzjonijiet speċjali fil-qasam tal-kompetittività), C15.I2 (Titjib tal-konnettività fiċ-ċentri ta' referenza), C16.R1 (Strateġija Nazzjonali tal-IA), C17.I6 (Saħħa), C17.I9 (Ajruspazju), C17.I10 (Appoġġ fil-forma ta' self taħt is-Saħħa PERTE u l-Ajruspazju PERTE), C18.R3 (Aġenzija tal-Istat għas-Saħħa Pubblika, ħatra u ħatra mill-ġdid ta' Ċentri, Servizzi u Unitajiet ta' Referenza (CSURs), u riorganizzazzjoni tal-kura mhux ġestita minn dawk iċ-Ċentri), C18.I3 (Kapaċitajiet akbar ta' rispons għall-kriżijiet tas-saħħa), C18.I4 (Taħriġ tal-professjonisti tas-saħħa u titjib tat-trattament tal-pazjenti b'mard rari), C18.I5 (Pjan għar-razzjonalizzazzjoni tal-konsum tal-farmaċewtiċi u l-promozzjoni tas-sostenibbiltà, u l-espansjoni tal-portafoll tas-servizzi ġenomiċi fis-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa), C18.I6 (Spazju Nazzjonali tad-Data dwar is-Saħħa), C19.I1 (Ħiliet diġitali trasversali), C19.I4 (Professjonisti diġitali), C20.I1 (Żvilupp tal-ħiliet), C20.I3 (Espansjoni tal-offerta u internazzjonalizzazzjoni tat-taħriġ vokazzjonali), C21.R2 (Mudell ġdid tal-kurrikulu biex tittejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni), C21.I2 (Programm għall-orjentazzjoni, il-progress u l-arrikkiment edukattiv ("PROA +")), C21.I3 (Appoġġ għal studenti vulnerabbli), C21.I5

(Kapaċitajiet u edukazzjoni diġitali universitarji), C22.R5 (Titjib tas-sistema ta' benefiċċji finanzjarji mhux kontributorji tal-Amministrazzjoni Ġenerali tal-Istat), C22.I1 (Pjan ta' kura u appoġġ fit-tul: id-deistituzzjonalizzazzjoni, it-tagħmir u t-teknoloġija), C22.I3 (Pjan Nazzjonali Aċċessibbli għal Spanja), C22.I4 (Pjan Spanja li tipproteġik mill-vjolenza kontra n-nisa), C23.I5 (Governanza u spinta tal-politiki biex tiġi appoġġata l-attivazzjoni), C23.I6 (Pjan komprensiv biex tingħata spinta lill-ekonomija soċjali), C23.I7 (Promozzjoni tat-tkabbir inklużiv billi l-politiki dwar l-inklużjoni soċjali jintrabtu mal-iskema nazzjonali ta' introjtu minimu ("IMV")), C24.I2 (Spinta lill-kultura fit-territorju kollu), C26.I3 (Promozzjoni tal-isport), C31.I1 (Investiment li jippromwovi l-awtokonsum (ibbażat fuq l-enerġija rinnovabbli u l-ħżin wara l-miter)), C31.I2 (Skema biex tappoġġa l-produzzjoni u l-użu tal-idroġenu rinnovabbli), C31.I3 (Skema ta' Sussidju biex tappoġġa d-dekarbonizzazzjoni tas-settur industrijali u l-katina tal-valur tas-sorsi u l-ħżin tal-enerġija rinnovabbli), C31.I6 (Skema ta' sussidju għall-proġetti ta' dekarbonizzazzjoni (għotjiet), u C32.I1 (Mobbiltà u infrastruttura ekoloġika u sostenibbli). Abbażi ta' dan, Spanja talbet li daww il-miżuri jiġu emendati. Barra minn hekk, Spanja talbet li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-mira 311 tiġi estiża. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

- (6) Spanja spjegat li l-oġettiv intermedju 280 taħt C18.I2 (Kampanji u azzjonijiet dwar is-saħħa pubblika) ma għadux jista' jinkiseb fl-iskeda ta' żmien prevista, minħabba l-ħtieġa li jridu jiġu segwiti proċeduri ta' verifika itwal milli kien ipplanat inizjalment iżda li jwasslu aktar biex jintlaħqu l-oġettivi ta' politika tal-miżura. Fuq din il-bażi, Spanja talbet li l-implimentazzjoni tal-iskeda taż-żmien tal-oġettiv intermedju 280 tiġi estiża. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (7) Wara t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni tal-miżura C13.I3 (Diġitalizzazzjoni u Innovazzjoni u skema ta' sussidju għad-diġitalizzazzjoni tal-kumpaniji) f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, Spanja talbet li tuża r-riżorsi liberati biex iżżid il-livell ta' implimentazzjoni ta' C13.I14 (Injezzjoni ta' ekwità fl-ICO). Abbażi ta' dan, Spanja talbet li jiżdied il-livell tal-implimentazzjoni ta' miżura waħda. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (8) Wara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tal-15 ta' Mejju 2025 fil-Kawżi Magħquda C-623/23 (Melbán) u C-626/23 (Sergamo) (ECLI:EU:C:2025:358), il-Kummissjoni tikkunsidra li l-oġettiv intermedju 412 taħt ir-Riforma 4 (Is-simplifikazzjoni taż-żidiet tal-maternità) tal-Komponent 30 (Pensjonijiet) fih rekwiżiti li mhumiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Sabiex jiġi żgurat li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tappoġġa biss miżuri li jkunu konformi mad-dritt tal-Unjoni, jenħtieġ li jitneħħa l-oġettiv intermedju 412. Sabiex jiġi żgurat li l-oġettiv ta' politika li l-oġettiv intermedju 412 maħsub biex jikkontribwixxi jiġi indirizzat xorta fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, jenħtieġ li jiżdied l-oġettiv intermedju 412a taħt ir-Riforma 6 (Miżuri li jappoġġaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-karigi pubbliċi u t-fassil tal-politika, u li jsaħħu l-protezzjoni tal-ħaddiema) tal-Komponent 22 (Pjan ta' azzjoni għall-ekonomija tal-kura, it-tiġid tal-politiki dwar l-ugwaljanza u l-inklużjoni). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

Distribuzzjoni tal-oġettivi intermedji u tal-miri

- (9) Id-distribuzzjoni tal-oġġettivi intermedji u l-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi emendata biex tqis l-emendi għall-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata minn Spanja.

Korrezzjonijiet ta' żbalji tal-pinna

- (10) Ġew identifikati tmien żbalji tal-pinna fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021, li jaffettwaw seba' oġġettivi intermedji u miri u miżura waħda taħt tmien komponenti. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tiġi emendata biex tirrettifika dawn l-iżbalji tal-pinna li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ppreżentat lill-Kummissjoni fit-3 ta' April 2021, kif maqbul bejn il-Kummissjoni u Spanja. Dawk l-iżbalji tal-pinna huma marbuta mal-mira 427 taħt C5.I1 (Azzjonijiet ta' trattament, ta' sanità, ta' effiċjenza, ta' ffrankar, ta' użu mill-ġdid u ta' sikurezza tal-infrastruttura (DSEAR)), l-oġġettivi intermedji 93 u 94 taħt C6.I2 (Network Trans-Ewropew għall-Programm tat-Trasport, xogħlijiet oħra), l-oġġettiv intermedju 123 taħt C8.R3 (Qafas regolatorju għal sistema tal-enerġija aktar flessibbli), il-mira 221 taħt C14.I1 (Trasformazzjoni tal-mudell tat-turiżmu lejn is-sostenibbiltà), l-oġġettiv intermedju 276 taħt C18.R4 (Regolamentazzjoni ta' karigi jew oqsma li diffiċli jimtlew, sigħat tax-xogħol, dmirijiet on-call, retribuzzjonijiet, taħriġ, bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, żamma tat-talent tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa, taġħlim jew riċerka, u tisħiħ tal-ħiliet professjonali), l-oġġettiv intermedju 324 taħt C22.I2 (Pjan għall-Modernizzazzjoni tas-Servizzi Soċjali — Trasformazzjoni teknoloġika, innovazzjoni, taħriġ u tisħiħ tal-indukrar tat-tfal), il-mira 356 taħt C24.I2 (Nagħtu spinta lill-kultura fit-territorju kollu), u d-deskrizzjoni tal-miżura li ġejja, C13.I11 (Strument ta' Garanzija — SGR-CERSA). Dawn ir-rettifiki ma jaffettwaw la l-valutazzjoni u lanqas l-implimentazzjoni tal-RRP.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (11) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (12) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa minn Spanja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-punti (a), (b), (c), (d), (da), (db), (e), (g), (h), (i), (j) u (k).

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali

- (13) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f) u mal-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi diġitali jwasslu għal ammont li jirrappreżenta 22,7 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP emendat ikkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.
- (14) L-emendi għall-kontribut għat-tranżizzjoni diġitali huma relatati mal-korrezzjoni ta' żball tal-pinna li jirriżulta mill-inklużjoni tal-kapitolu REPowerEU fl-ittaggjar diġitali tal-pjan fir-reviżjoni preċedenti, ir-rettifika tal-ittaggjar diġitali ta' ċerti proġetti taħt il-miżura C13.I3 (Diġitalizzazzjoni u Innovazzjoni u skema ta' sussidju għad-diġitalizzazzjoni tal-kumpaniji), biex jiġi żgurat li dawn il-proġetti jżommu l-klassifikazzjoni oriġinali taġħhom ta' kontribuzzjoni diġitali ta' 40 %, u għat-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni tal-miżura C13.I3. B'mod ġenerali, l-emendi għall-RRP ta' Spanja jinvolve żieda netta fil-kontribuzzjoni ġenerali għall-mira diġitali tal-RRP

b' 1,2 % għal 22,7 % minn 21,5 %. Il-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn l-emendi ma tibdilx il-valutazzjoni ġenerali ta' dan il-kriterju.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (15) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat ta' Spanja huma ta' EUR 102 575 266 373. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għal Spanja, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikoli 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰, u mal-Artikolu 20(4) u 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija allokata għall-RRP emendat ta' Spanja jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 79 854 183 024. Għaldaqstant, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għal Spanja tibqa' l-istess.

Għoti ta' self

- (16) L-appoġġ fil-forma ta' self disponibbli għal Spanja li jammonta għal EUR 22 705 547 373 jibqa' l-istess.
- (17) Għalhekk id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament.
- (18) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura marbuta mal-għoti ta' fondi tal-Unjoni skont kwalunkwe programm tal-Unjoni ħlief għall-Faċilità jew għal proċeduri relatati ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma tirkibx fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat għal Spanja abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

Artikolu 2

Emendi

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Spanja hija emendata kif ġej:

l-Anness huwa sostitwit bit-test stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

Artikolu 3
Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President